Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3577/92**

tas-7 ta' Diċembru 1992

li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu)

(ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**A1**	It-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja (2012)	L 112	10	24.4.2012

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3577/92

tas-7 ta' Diċembru 1992

li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 84(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi fit-12 ta' Ġunju 1992, il-Parlament Ewropew adotta r-Riżoluzzjoni tiegħu dwar il-liberalizzazzjoni tal-kabotaġġ marittimuu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tiegħu;

Billi b'konformità ma' l-Artikolu 61 tat-Trattat libertà biex jiġu pprovduti s-servizzi fil-qasam tat-trasport marittimu għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu li jirreferi għat-trasport;

Billi l-abolizzjoni ta' restrizzjonijiet dwar l-għoti ta' servizzi ta' trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri hi meħtieġa biex ikun stabbilit suq intern; billi s-suq intern għandu jkun fih żona li fiha l-moviment liberu ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital hu assigurat;

Billi għalhekk il-libertà biex jiġu pprovduti s-servizzi għandha tkun applikata għat-trasport marittimu ġewwa Stati Membri;

Billi l-benefiċċjarji ta' din il-libertà għandhom ikunu l-proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità li joperaw vapuri reġistrati fi u li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru kemm jekk dan għandu jew le xtajta marittima;

Billi din il-libertà għandha tkun estiża għal vapuri rreġistrati wkoll fil-Euro ladarba dak ir-reġistru jkun approvat;

Billi sabiex jiġi evitat tgħawwiġ ta' kompetizzjoni, proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità li jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi ta' kabotaġġ għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha biex isir kabotaġġ fi Stat Membru li fih il-vapuri tiegħu huma reġistrati; billi proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità li joperaw vapuri rreġistrati fi Stat Membru li ma jkollhomx il-jedd li jagħmlu kabotaġġ f'dak l-Istat għandhom minkejja kollox ikunu benefiċjarji ta' dan ir-Regolament matul perijodu transitorju;

Billi l-implementazzjoni ta' din il-libertà għandha tkun gradwali u mhux neċessarjament mogħtija b'mod uniformi għas-servizzi kollha f'dan il-każ, meta wieħed jikkunsidra n-natura ta' ċerti servizzi speċifiċi u l-kobor ta' l-isforz li ċerti ekonomiji fil-Komunità li juru differenzi fi żvilupp għandhom iġarrbu;

([1]) ĠU C 73, tad-19.3.1991, p. 27.
([2]) ĠU C 295, tas-26.11.1990, p. 687, u opinjoni mogħtija fl-20 ta' Novembru 1992 (għadha mhix ippubblikata fl-Ġurnal Uffiċjali)
([3]) ĠU C 56, tas-7.3.1990, p. 70.

▼B

Billi l-introduzzjoni ta' servizzi pubbliċi li tinvolvi ċerti jeddijiet u obbligazzjonijiet għall-proprjetarji ta' vapuri interessati tista' tkun iġġustifikata sabiex jiġi assigurat li jkun hemm servizzi ta' trasport regolari biżżejjed, minn u bejn gżejjer, sakemm ma jkunx hemm distinzjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità jew ta' residenza;

Billi għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet sabiex jittieħdu miżuri ta' salvagwardja għar-rigward ta' swieq ta' trasport marittimu affetwati minn disturb serju jew fl-eventwalità ta' emerġenza; billi, għal dan il-għan, għandhom jiġu introdotti proċeduri xierqa ta' kif jittieħdu d-deċiżjonijiet;

Billi, invista tal-ħtieġa li jiġi assigurat l-operat xieraq tas-suq intern u ta' adozzjonijiet possibbli fid-dawl ta' esperjenza, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jekk meħtieġ tissottometti proposti addizzjonali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Sa mill-1 ta' Jannar 1993, il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi ta' trasport marittimu ġewwa Stat Membru (kabotaġġ *marittimu*) għandu japplika għal proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità li jkollhom il-vapuri tagħhom irreġistrati fi, u jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, sakemm dawn il-vapuri jkunu konformi mal-kundizzjonijiet kollha biex jagħmlu kabotaġġ f'dak l-Istat Membru, inklużi vapuri rreġistrati f'Euros, ladarba dak ir-Reġistru jkun approvat mill-Kunsill.

2. B'mezz ta' deroga, l-applikar tad-dispożizzjoni ta' paragrafu 1 li teħtieġ li vapuri josservaw il-kundizzjonijiet kollha biex jagħmlu kabotaġġ fl-Istat Membru li fih ikunu rreġistrati f'dak il-waqt għandha tkun temporanjament sospiża sal-31 ta' Diċembru 1996.

L-Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "servizzi ta' trasport marittimu ġewwa Stat Membru (kabotaġġ marittimu)" tfisser servizzi normalment ipprovduti għal remunerazzjoni u għandhom b'mod partikolari jinkludu:

   (a) kabotaġġ fl-art ewlenija: il-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti bil-baħar bejn portijiet li jinstabu fuq l-art ewlenija jew it-territorju prinċipali ta' l-istess Stat Membru mingħajr waqfien fi gżejjer;

   (b) servizzi ta' forniment *off-shore*: il-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti bil-baħar bejn xi port fi Stat Membru u stallazzjonijiet jew strutturi li jinsabu fuq l-estenzjoni maritima kontinentali ta' dak l-Istat Membru;

   (ċ) kabotaġġ tal-gżejjer: il-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti bil-baħar bejn:

      — portijiet li jinstabu fuq l-art ewlenija u fuq waħda jew aktar mill-gżejjer ta' l-istess Stat Membru,

      — portijiet li jinstabu fuq il-gżejjer ta' l-istess Stat Membru;

▼B

Ceuta u Melilla għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod bħala portijiet ta' gżejjer.

2. "Proprjetarju ta' vapur tal-Komunità" tfisser:

(a) dawk ta' nazzjonalità ta' Stat Membru stabbiliti fi Stat Membru skond il-leġislazzjoni ta' dak l-Istat Membru u li jagħmlu attivitajiet tal-ġarr bil-baħar;

(b) kumpanniji ta' ġarr bil-baħar stabbiliti skond il-leġislazzjoni ta' Stat Membru u li l-post prinċipali tax-xogħol tagħhom ikun jinstab, u l-kontroll effettiv eżerċitat, fi Stat Membru;

jew

(ċ) dawk ta' nazzjonalità ta' Stat Membru stabbilit barra mill-Komunità jew kumpanniji tal-ġarr marittimu stabbiliti barra mill-Komunità u kkontrollati minn persuni ta' nazzjonalita ta' Stat Membru, jekk il-vapuri tagħhom ikunu rreġistrati fi u jtajru l-bandiera ta' Stat Membru b'konformità mal-leġislazzjoni tiegħu;

3. "Kuntratt ta' servizz pubbliku" jfisser kuntratt magħmul bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u proprjetarju ta' vapur ta' Stat Membru sabiex jiġu pprovduti lill-pubbliku servizzi ta' trasport adegwati.

Kuntratt ta' servizz pubbliku jista' jkopri l-aktar:

— servizzi ta' trasport li jissodisfaw *standards* fissi ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità,

— servizzi ta' trasport addizzjonali,

— servizzi ta' trasport b'rati speċifiċi u suġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari għal ċerti kategoriji ta' passiġġieri jew fuq ċerti rotot,

— aġġustamenti ta' servizzi għal ħtiġijiet attwali;

4. "obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku" tfisser obbligazzjonijiet li l-proprjetarju ta' vapur tal-Komunità f'dak il-każ, jekk ikun qiegħed jikkonsidra l-interessi kummerċjali tiegħu, ma jassumix jew ma jassumix sa l-istess grad jew taħt l-istess kundizzjonijiet;

5. "disturb serju tas-suq intern ta' trasport" tfisser id-dehra fuq is-suq ta' problemi speċifiċi għal dak is-suq u li:

— x'aktarx iwasslu għal eċċess serju jew potenzjali fit-tul ta' forniment b'eċċess fuq il-ħtieġa,

— ikunu dovuti lil, jew aggravati bi, operazzjonijiet ta' kabotaġġ marittimu, u

— joħolqu theddida serja għall-istabilità finanzjarja u s-sopravivenza ta' numru sinifikanti ta' proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità,

sakemm it-tbassir f'termini qosra jew medji għas-suq f'dak il-każ ma jindikawx xi titjib sostanzjali u li jtulu.

L-Artikolu 3

1. Għal vapuri li jaħgmlu kabotaġġ fl-art ewlenija u għal vapuri tal-passiġġieri, il-materji kollha li jirreferu għal persunal għandhom ikunu r-responsabbiltà ta' l-Istat li fih il-vapur ikun irreġistrat (stat tal-bandiera), minbarra għal vapuri li jkunu iżgħar minn 650 gt, fejn il-kundizzjonijiet ta' l-Istat li jospita jistgħu jiġu applikati.

▼B

2. Għal vapuri li jagħmlu kabotaġġ tal-gżejjer, il-materji kollha dwar persunal huma r-responsabbiltà ta' l-Istat li fih il-vapur ikun qed jagħmel servizz ta' trasport marittimu (Stat ospitanti).

3. Iżda, mill-1 ta' Jannar 1999, għal vapuri ta' tagħbija 'l fuq minn 650 gt li jagħmlu kabotaġġ tal-gżejjer, meta l-vjaġġ f'dak il-każ jsegwi jew jippreċedi vjaġġ lil jew minn Stat ieħor, il-materji kollha dwar persunal ikunu r-responsabbiltà ta' l-Istat li fih il-vapur ikun irreġistrat (Stat tal-bandiera).

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel eżami profond tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-liberalizzazzjoni ta' kabotaġġ tal-gżejjer u għandha tagħti rapport lill-Kunsill qabel l-1 ta' Jannar 1997.

Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħti proposta lill-Kunsill li tista' tinkludi aġġustamenti fil-provvedimenti tan-nazzjonalità tal-persunal li jinsabu f'paragrafi 2 u 3 sabiex dik is-sistema definittiva tkun approvata mill-Kunsill fi żmien xieraq u qabel l-1 ta' Jannar 1999.

L-Artikolu 4

1. Stat Membru jista' jagħmel kuntratti ta' servizz pubbliku ma' jew jimponi obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku bħala kundizzjoni għall-għoti ta' servizzi ta' kabotaġġ, fuq kumpanniji ta' ġarr marittimu li jipparteċipaw f'servizzi regolari lejn, minn u bejn gżejjer.

Kull meta Stat Membru jagħmel kuntratti ta' servizz pubbliku jew jimponi obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku, dan għandu jagħmel hekk fuq bażi mhux diskriminatorja għar-rigward ta' proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità.

2. Meta jiġu imposti obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku, Stati Membri għandhom ikunu llimitati għal ħtiġijiet dwar portijiet li jkunu servuti, regolarità, kontinwità, frekwenza, kapaċità li jipprovdu s-servizz, rati li għandhom jiġu mitluba u l-persunal tal-vapur.

Meta jkun applikabbli, kull kumpens għal obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku għandu jkun disponibbli lill-proprjetarji kollha tal-vapuri tal-Komunità.

3. Kuntratti eżistenti ta' servizz pubbliku jistgħu jibqgħu fis-seħħ sad-data ta' l-iskadenza tal-kuntratt rilevanti.

L-Artikolu 5

1. Fl-eventwalità ta' disturb serju tas-suq ta' trasport intern minħabba liberalizzazzjoni ta' kabotaġġ, Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni li jadotta miżuri ta' salvagward.

Wara li tikkonsulta lil-Istati Membri l-oħra, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi meta jkun xieraq dwar il-miżuri ta' salvagward xieraq, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tkun irċevuta t-talba rilevanti minn Stat Membru. Dawk il-miżuri jistgħu jinvolvu l-esklużjoni temporanja, li ma teċċedix 12-il xahar, taż-żona f'dak il-każ mill-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika kull deċiżjoni dwar il-miżuri ta' salvagward tagħha lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

▼B

Jekk wara l-perijodu ta' 30 jum tax-xogħol il-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni dwar is-suġġett, l-Istat Membru interessat għandu jkun intitolat li japplika l-miżuri mitluba sakemm il-Kummissjoni tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha.

Iżda, fl-eventwalità ta' emerġenza, Stati Membri jistgħu unilateralment jadottaw il-miżuri proviżorji xierqa li jistgħu jibqgħu fis-seħħ għal mhux aktar minn tliet xhur. F'dik l-eventwalità, Stati Membri għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummisjsoni bl-adozzjoni ta' dawk il-miżuri. Il-Kummissjoni tista' tirrevoka l-miżuri jew tikkonfermahom bi jew mingħajr modifiki sakemm din tieħu d-deċiżjoni finali skond it-tieni sub-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni tista' wkoll tadotta miżuri ta' salvagward fuq l-inizjattiva tagħha stess, wara li tikkonsulta l-Istati Membri.

L-Artikolu 6

1. Bħala mezz ta' deroga, is-servizzi ta' trasport marittimu li ġejjin magħmula ġewwa l-Mediterran u madwar il-kosta ta' Spanja, il-Portugall u Franza għandhom temporanjament ikunu eżentati mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament:

— servizzi ta' vapuri tal-passiġġieri, sa l-1 ta' Jannar 1995,

— trasport ta' oġġetti strateġiċi (żejt, prodotti taż-żejt u ilma tax-xorb) sa l-1 ta' Jannar 1997,

— servizzi minn vapuri iżgħar minn 650 gt, sa l-1 ta' Jannar 1998,

— servizzi regolari ta' passiġġieri u servizzi tal-laneċ, sa l-1 ta' Jannar 1999.

2. Bħala deroga, kabotaġġ tal-gżejjer fil-Mediterran u kabotaġġ għar-rigward ta' l-arċipelagi Kanarji, Ażores u Madejra, Ceuta u Melilla, il-gżejjer Franċiżi madwar il-kosta tal-Atlantiku u d-dipartimenti mbiegħda Franċiżi għandhom ikunu temporanjament eżentati mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sa l-1 ta' Jannar 1999.

3. Għal raġunijiet ta' koeżjoni soċjo-ekonomika, id-deroga mogħtija fil-paragrafu 2 għandha tkun estiża għall-Greċja sa' l-1 ta' Jannar 2001 għal servizz regolari ta' passiġġieri u servizzi ta' laneċ ipprovduti minn vapuri ta' anqas minn 650 gt.

▼A1

4. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1), il-kuntratti għal servizzi pubbliċi konklużi qabel id-data tal-adeżjoni tal-Kroazja jistgħu jibqgħu jiġu applikati sal-31 ta' Diċembru 2016.

5. B'deroga mill-Artikolu 1(1), sal-31 ta' Diċembru 2014, is-servizzi tal-kruċieri mwettqin bejn il-portijiet Kroati minn vapuri iżgħar minn 650 tunnellata gross għandhom ikunu riservati għal vapuri rreġistrati fil-Kroazja, u li jtajru l-bandiera Kroata, li huma operati minn kumpanniji marittimi, stabbiliti f'konformità mal-liġi Kroata, u li l-post prinċipali tan-negozju tagħhom ikun jinsab fil-Kroazja, u fejn il-kontroll effettiv jiġi eżerċitat hemmhekk.

6. B'deroga mill-Artikolu 1(1), u għall-perijodu transitorju sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni tista', fuq talba sostanzjata minn Stat Membru, tiddeċiedi, fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tirċievi t-talba rilevanti, li l-vapuri li jibbenefikaw mid-deroga stabbilita fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx iwettqu servizzi ta' kruċieri bejn

▼A1

il-portijiet ta' ċerti żoni ta' Stat Membru minbarra l-Kroazja fejn jintwera li l-operazzjoni ta' dawn is-servizzi tfixkel serjament jew thedded li tfixkel serjament is-suq intern tat-trasport fiż-żoni kkonċernati. Jekk wara l-perijodu ta' 30 jum ta' xogħol il-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni, l-Istat Membru interessat għandu jkun intitolat li japplika l-miżuri ta' salvagwardja sakemm il-Kummissjoni tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha. Fil-każ ta' emerġenza, l-Istat Membru jista' b'mod unilaterali jadotta l-miżuri proviżorji xierqa li jistgħu jibqgħu fis-seħħ għal mhux aktar minn tliet xhur. Dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan immedjatament. Il-Kummissjoni tista' tirrevoka l-miżuri jew tikkonfermahom sakemm hija tieħu d-deċiżjoni finali tagħha. L-Istati Membri għandhom jinżammu informati.

▼B

L-Artikolu 7

L-Artikolu 62 tat-Trattat għandu japplika għall-materji koperti b'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 8

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-dritt ta' stabbiliment u għal dan ir-Regolament, persuna li tipprovdi servizz marittimu tista', sabiex tagħmel dan, tagħmel din l-attività tagħha temporanjament fl-Istati Membri fejn is-servizz ikun ipprovdut, taħt l-istess kundizzjonijiet li jkunu imposti minn dak l-Istat fuq iċ-ċittadini tiegħu.

L-Artikolu 9

Qabel jadottaw liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, Stati Membri għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni. Dawn għandhom jinfurmaw lil din ta' l-aħħar bil-miżuri li jkunu ġew adottati.

L-Artikolu 10

Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Kunsill, qabel l-1 ta' Jannar 1995, u wara dan kull sentejn, rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u, jekk ikun xieraq, għandha wkoll tagħti xi proposti meħtieġa.

L-Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.